MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Rikors Numru. 36/2005

**Frank AĠIUS u Eva Aġius**

**vs**

**AVUKAT ĠENERALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-16 ta' Ġunju, 2005, li bih u għar-raġunijiet fih imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti tiddeċiedi li l-artikoli 77 u 80 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta[1] (aktar 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi"), flimkien mal-artikolu relattivi u konsegwenzjali, jiksru l-jedd fundamentali tal-istess rikorrenti mħares bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), u dan in kwantu jimponi restrizzjonijiet, ostakoli jew

[1] Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta

presunzjonijiet negativi għar-riċerka tal-verita' bijoloġika dwar il-wild;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat fit-28 ta' Ġunju, 2005, li biha laqa' għall-azzjoni tar-rikorrenti billi qal li l-Qorti għandha tagħżel li ma tismax il-kawża ladarba r-rikorrenti ma nqdewx bir-rimedji "ordinarji" li setgħu jieħdu quddiem Qorti oħra li hija kompetenti li tisma' l-kwestjoni. Minbarra dan, iżid jgħid li l-ilment tar-rikorrenti ma jġibx ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ġunju, 2005, li bih tat direttivi dwar tressiq ta' provi lill-partijiet u dan fid-dawl tal-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-intimat;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fis-16 ta' Settembru, 2005, b'kopja tal-atti tal-kawża li dwarha jressqu l-ilment tagħhom f'din il-kawża[2];

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Novembru, 2005, li bih u fuq talba tal-avukat tar-rikorrenti ordnat li t-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat issir b'Noti ta' Sottomissjonijiet u tat lill-partijiet żmien biex iressquhom;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fid-19 ta' Jannar, 2006[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fis-6 ta' Marzu, 2006[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti dwar l-ewwel eċċezzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukat tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2006, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni;

***Ikkunsidrat:***

---

[2] Paġġ. 19 sa 28 tal-proċess
[3] Paġġ. 33-4 tal-proċess
[4] Paġġ. 38-40 tal-proċess

Illi r-rikorrenti qegħdin jilmentaw li xi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi jiksru l-jedd tagħhom għall-ħajja privata u tal-familja tagħhom kif maħsub fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex huma jgħidu li, minn kif l-imsemmija artikoli tfissru u ġew applikati f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fit-13 ta' Ġunju, 2005[5], huma se' jinżammu milli jisfidaw b'suċċess il-preżunzjoni li wlied mara miżżewġa huma meqjusa li huma wlied żewġha. Ir-rikorrenti kienu fetħu kawża fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fi Frar tal-2001[6], biex jitolbu dikjarazzjoni li l-wild l-armla ta' binhom ma kienx tassew iben binhom;

Illi, bħala eċċezzjoni preliminari, l-intimat qiegħed jgħid li din il-Qorti għandha tagħżel li ma tużax is-setgħat "konvenzjonali" tagħha biex tisma' din il-kawża. Din is-sentenza qegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Illi r-raġuni miġjuba 'l quddiem mill-intimat biex isostni l-eċċezzjoni tiegħu hi li r-rikorrenti għadhom ma nqdewx b'rimedji ordinarji li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom u għalhekk ma messhomx daru mill-ewwel għar-rimedju tal-kawża tal-lum. Jgħid ukoll li l-qofol tal-kwestjoni huwa mertu li tabilfors irid jiġi mistħarreġ u maqtugħ minn Qorti kompetenti oħra;

Illi minħabba li r-rikorrenti qegħdin iressqu l-ilment tagħhom taħt il-Konvenzjoni[7], joħroġ li l-eċċezzjoni li l-Qorti jmissha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha hija msejsa fuq id-dispożizzjonijiet tal-*proviso* għas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 4 tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Jidher li, fil-każ ta' ilmenti mressqa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, il-ħtieġa li wieħed ikun fittex b'għaqal ir-rimedji "ordinarji" qabel dar għall-proċedura "konvenzjonali" hija waħda kważi assoluta[8];

---

[5] Fil-kawża Numru 1087/02 fl-ismijiet ***Raymond Magro et vs Rita Magro et noe***

[6] Ċitazz. Nru. 163/01NC fl-ismijiet ***Frank Aġius et vs Lucy-Ann Aġius et noe*** (liema kawża hija mħollija għar-rapport għall-25 ta' Ottubru, 2006)

[7] Li, bis-saħħa tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, issa tagħmel parti mill-ordinament legali Malti

[8] Kost. **16.11.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Arena noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija*** (Kollez. Vol: **LXXXII.i.257**)

Illi l-eżistenza ta' rimedju ieħor lill-parti li tressaq azzjoni ta' allegat ksur ta' jedd fondamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta lill-Qorti bħala **stat ta' fatt attwali u oġġettiv**, u d-diskrezzjoni li tista' twettaq il-Qorti biex ma teżerċitax is-setgħat tagħha "jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel" minħabba l-eżistenza ta' rimedju ieħor hija deċiżjoni fuq tali **stat ta' fatt.** Kemm hu hekk, huwa biss meta jew jekk jirriżulta lill-Qorti bħala fatt li (kien) jeżisti rimedju ieħor effettiv lir-rikorrent li l-Qorti tista' tiddelibera jekk għandhiex twarrab milli teżerċita s-setgħat tagħha li tisma' l-ilment imressaq quddiemha[9]. F'każ li ma jirriżultax li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment, u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti jibqagħlha s-setgħa li tiddeċiedi li xorta waħda ma ċċediex l-eżerċizzju tas-setgħa tagħha;

Illi ma jrid bl-ebda mod jintesa li d-diskrezzjoni li l-Qorti għandha f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u mmirata lejn l-iskop li l-leġislatur ried li jilħaq biha: jiġifieri, li filwaqt li ma jitħallewx isiru kawżi kostituzzjonali bla bżonn, min-naħa l-oħra ma jiġrix li, minħabba tħaddim "liberali" tad-diskrezzjoni, persuna tinżamm milli tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din meta jkun jidher li l-każ huwa wieħed serju li jimplika t-telf jew tnaqqir ta' jedd fondamentali għal dik il-persuna. Kif ingħad dan l-aħħar f'dan ir-rigward, din id-diskrezzjoni għandha dejjem tiġi wżata fl-aħjar interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja biex, min-naħa l-waħda, il-Qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jsibux ma' wiċċhom kawżi li messhom jew setgħu tressqu quddiem Qrati oħrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setgħu jitfitxxu rimedji oħrajn effettivi, u biex, min-naħa l-oħra, persuna ma tiġix imċaħħda mir-rimedji li għandha jedd tfittex taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta[10];

Illi meta jingħad li jkun hemm rimedju ieħor xieraq, dejjem ikun qiegħed jitfisser li tali rimedju jrid jitqies fid-dawl tal-ksur tal-jedd fondamentali li jkun qed jiġi allegat li nkiser

---

[9] Ara Kost. **31.5.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Żahra vs Awtorita' tal-Ippjanar*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.179**)
[10] Kost. **27.2.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Sammut vs Awtorita' tal-Ippjanar et***

jew li jkun mhedded li sejjer jinkiser: għandu jkun rimedju aċċessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur jew theddid ta' ksur lamentat[11]. M'hemmx għalfejn li, biex jitqies bħala effettiv, ir-rimedju jintwera bħala wieħed li se' jagħti lir-rikorrent suċċess garantit, biżżejjed li jintwera li jkun wieħed li jista' jiġi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaċi[12];

Illi, madankollu, l-eżistenza ta' rimedju ieħor trid titqies fiż-żmien tal-allegat ksur tal-jedd fondamentali li dwaru jitressaq l-ilment, u mhux fiż-żmien li jkun tressaq l-ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali[13]. M'huwiex mogħti lil persuna l-benefiċċju li l-ewwel tħalli jgħaddi għalxejn iż-żmien li fih setgħet tieħu r-rimedju għall-ksur tal-jedd tagħha, u mbagħad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bħallikieku l-proċedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju *in extremis* li wieħed jista' jirrikorri għalih biex isewwi żball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel[14];

Illi f'għadd ta' sentenzi mogħtijin f'dawn l-aħħar snin mill-Qorti Kostituzzjonali, ġew stabiliti prinċipji li għandhom jiġu segwiti minn Qorti biex tqis jekk huwiex minnu li r-rikorrent kellu għad-dispożizzjoni tiegħu rimedju alternativ effettiv. Fost dawn il-prinċipji wieħed isib li (a) meta jidher ċar li jeżistu mezzi ordinarji disponibbli għar-rikorrent biex jikseb rimedju għall-ilment tiegħu, ir-rikorrent għandu jirrikorri għal tali mezzi qabel ma jirrikorri għar-rimedju kostituzzjonali, u huwa biss wara li jkun fittex dawk il-mezzi jew wara li jidher li dawk il-mezzi ma jkunux effettivament disponibbli li għandu jintuża r-rimedju kostituzzjonali; (b) li d-diskrezzjoni li tuża l-Qorti biex tqis jekk għandhiex twettaq is-setgħat tagħha li tisma' kawża ta' natura kostituzzjonali għandha torbot, sakemm ma tinġiebx xi raġuni serja u gravi ta' illegalita', inġustizzja jew

[11] Ara Kost **5.4.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXV.i.106**)
[12] P.A. Kost. **9.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Clifton Borġ vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)
[13] Kost.**9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***McKay vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.268**)
[14] Ara Kost. **25.6.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.201**)

żball manifest fl-użu tagħha[15]; (ċ) m'hemm l-ebda kriterju stabilit minn qabel dwar l-użu tal-imsemmija diskrezzjoni, billi kull każ jeħtieġ jiġi mistħarreġ fuq iċ-ċirkostanzi tiegħu; (d) in-nuqqas waħdu ta' teħid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent m'huwiex raġuni biżżejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali taqtagħha li ma tużax is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jagħtu rimedju sħiħ lir-rikorrent għall-ilment tiegħu; (e) in-nuqqas ta' teħid ta' rimedju ordinarju – ukoll jekk sata' kien għal kollox effettiv biex jindirizza l-ilment tar-rikorrent – minħabba l-imġiba ta' ħaddieħor m'għandux ikun raġuni biex il-Qorti twarrab is-setgħat tagħha li tisma' l-ilment kostituzzjonali tar-rikorrent[16]; (f) l-eżerċizzju minn Qorti (tal-ewwel grad) tad-diskrezzjoni tagħha bla ma tistħarreġ il-materja neċessarja li fuqha tali diskrezzjoni għandha titwettaq, jagħti lil Qorti tat-tieni grad is-setgħa li twarrab dik id-diskrezzjoni[17]; u (ġ) meta r-rimedju jaqa' fil-kompetenza ta' organu ieħor jew meta s-smigħ tal-ilment tar-rikorrent se' jwassal biex l-indaġni ġudizzjarja u l-proċess l-ieħor tas-smigħ tar-rimedju ordinarju jkunu duplikazzjoni ta' xulxin, il-Qorti kostituzzjonali għandha ttendi lejn ir-rifjut li tuża s-setgħat tagħha kostituzzjonali, sakemm l-indaġni ġudizzjarja tal-każ ma tkunx, min-natura tagħha, ixxaqleb iżjed lejn kwestjoni kostituzzjonali[18];

Illi d-diskrezzjoni li l-Qorti tagħżel li tieħu jekk twettaqx jew le s-setgħat tagħha kostituzzjonali biex tisma' kawża għandha tiġi eżerċitata bi prudenza, b'mod li fejn jidher li hemm jew sejjer ikun hemm ksur serju ta' drittijiet fondamentali, l-Qorti xxaqleb lejn it-twettiq ta' dawk is-setgħat[19]. Irid dejjem jitqies li din id-diskrezzjoni għandha tiġi wżata fl-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja u toħloq bilanċ biex, mill-banda l-waħda, twaqqaf lil min jipprova jabbuża mill-proċess kostituzzjonali, u mil-banda l-oħra

[15] Kost. **12.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Visual & Sound Communications Limited vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***

[16] P.A. (Kost.) VDG **9.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Bonavia vs L-Awtorita' tal-Ippjanar et***

[17] Ara Kost. **7.3.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella vs Bannister et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.48**)

[18] P.A. Kost **29.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Martin Gaffarena vs Kummissarju tal-Pulizija*** (mhix pubblikata)

[19] Kost. **14.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***David Axiaq vs Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku***

żżomm milli jiġi maħluq xkiel bla bżonn lil min ġenwinament ifittex rimedju kostituzzjonali[20];

Illi fil-każ li għandna quddiemna, l-intimat jindika bħala fatt li r-rimedju ordinarju li r-rikorrenti messhom u għad jistgħu jieħdu jikkonsisti fit-tressiq ta' kawża. Din il-kawża huma fetħuha u għadha qegħda tinstema'. Il-fatt waħdu li r-rikorrenti fetħu l-kawża huwa xhieda tar-rimedju ordinarju li għandhom. L-intimat, imbagħad, jgħid li l-premessa ewlenija li fuqha r-rikorrenti jressqu din l-azzjoni hija ċirkostanza ipotetika dwar kif jaħsbu li l-kawża tagħhom sejra tinqata', billi minnhom infushom l-artikoli tal-Kodiċi rilevanti ma jiksru l-ebda jedd tar-rikorrenti taħt l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni;

Illi, min-naħa tagħhom, ir-rikorrenti jgħidu li l-"probabilta' ta' rimedju ordinarju" tintrabat mal-probabilta' li l-Qorti li quddiemha għadu pendenti l-każ tagħhom taqta' l-kawża bħalma qatgħetha l-Qorti tal-Appell f'Ġunju tal-2005 fil-każ ta' Magro. Fi kliem ieħor (u minkejja li fis-sistema tagħna ma teżistix ir-regola tal-preċedent li jorbot Qorti b'sentenzi mogħtijin qabel minnha nnifisha jew minn Qrati oħrajn), ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li diġa' jidher li t-teħid tar-rimedju ordinarju se' jmur kontra l-ħsieb u x-xewqa tagħhom. Fil-fehma tagħhom, dan kollu jġib li probabbli u possibilment se' jġarrbu ksur tad-dritt fondamentali tagħhom, u għalhekk titnissel il-ħtieġa li din il-Qorti twettaq is-setgħat "kostituzzjonali" tagħha. Huma jisħqu li l-"loġika u l-fattwalita'" jitolbu li biex ma jġarrbux il-ksur minnhom lamentat, jeħtieġ li l-liġi (jiġifieri d-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi li huma jirreferu għalihom fir-Rikors) tiġi attakata qabel ma l-Qorti (fil-kawża mibdija minnhom kontra mart binhom) tasal biex taqta' l-kawża;

Illi fuq kollox, ir-rikorrenti qegħdin jgħidu li l-għan tal-azzjoni tagħhom m'huwiex dak li jattakka l-fatti tal-każ, imma dak li jattakka l-liġi li, fil-fehma tagħhom, ixxekkilhom milli jikkontestaw il-preżunzjonijiet imnissla minn dawk il-fatti. Fi kliem ieħor, filwaqt li jaqblu li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandha l-kompetenza li tqis il-

[20] Kost. **31.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Mediterranean Film Studios Limited vs Korporazzjoni għall-Iżvilupp ta' Malta et***

mertu tal-kawża mibdija minnhom kontra mart binhom u l-wild tagħha, **din** il-kawża ma tistax ma titressaqx quddiem din il-Qorti fis-setgħat "kostituzzjonali" tagħha. Fis-sewwa, huma jistqarru li setgħu, kieku riedu, qanqlu l-kwestjoni "kostituzzjonali" waqt is-smigħ tal-kawża l-oħra (fis-sens li dik il-Qorti "tirreferi" l-każ u tibdel lilha nnifisha f'Qorti ta' indoli kostituzzjonali jew konvenzjonali biex sewwasew tistħarreġ u tqis il-kwestjoni konvenzjonali li dwarha jilmintaw), iżda jgħidu li huma għandhom kull jedd li jressqu mill-ewwel kawża ta' xejra kostituzzjonali 'il barra mill-ambitu tal-kawża l-oħra "ordinarja";

Illi, bl-akbar rispett lejn l-argument tal-għaref difensur tar-rikorrenti, li ssejjes argument fuq il-biżgħa jew tħassib dwar x'tista' 'l quddiem tiddeċiedi Qorti f'kawża dwar suġġett partikolari, ma jġibx b'daqshekk fis-seħħ l-attwalita' li titressaq kawża dwar ksur ta' jedd fondamentali. Dan għaliex, kif sewwa tissottometti l-għaref avukat tal-intimat, ma jistax jingħad li l-interpretazzjoni jew tifsir mogħti minn xi Qorti għal artikolu partikolari tal-liġi jissarraf fl-inkostituzzjonalita' ta' dak l-artikolu. Minbarra dan, ladarba l-biżgħa tar-rikorrenti huwa dwar il-mod kif **possibilment** il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (fil-kawża l-oħra miftuħa minnhom) sejra tinterpreta l-artikoli relattivi tal-Kodiċi, jiġi waħdu li ma jista' jseħħ l-ebda ksur ta' xi jedd tagħhom **qabel** ma tingħata l-imsemmija sentenza, jiġifieri qabel ma jiġi eżawrit ir-rimedju "ordinarju" li huma qegħdin ifittxu quddiem dik l-istess Qorti;

Illi jekk wieħed jara kif inhi mfassla t-talba tar-rikorrenti, wieħed isib li lil din il-Qorti qegħda ssir l-istedina li "teżamina l-fatti u l-liġijiet kontestati" marbuta mal-każ li huma ressqu fil-kawża "ordinarja" quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Biex din il-Qorti tagħmel ix-xogħol tagħha, għalhekk, ir-rikorrenti nfushom qegħdin jitolbu stħarriġ tal-istess fatti tal-każ tagħhom. Dan imieri dak li ssottomettew aktar 'il quddiem fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tagħhom. Dan ikun ifisser ukoll li din il-Qorti tidħol fil-qofol tar-rimedju ordinarju li r-rikorrenti għandhom disponibbli għalihom quddiem Qorti oħra. Dan, fuq kollox, iġib l-effett ukoll li din il-Qorti qegħda

tintalab tagħti deċiżjoni li, ladarba applikata għall-fattispeċi tal-kawża tar-rikorrenti (u ma jistax ikun mod ieħor, ladarba l-interess ġuridiku tar-rikorrenti jeżisti biss in kwantu huma għandhom l-interess li jimpunjaw il-paternita' ta' bin il-mara ta' binhom), tkun torbot idejn il-Qorti li quddiemha ressqu l-kawża "ordinarja" biex ma tiddeċidix skond il-fehmiet tagħha imma skond is-saħħa tas-sentenza li eventwalment tagħti din il-Qorti;

Illi, f'dan ir-rigward, jidher għaqli ħafna li wieħed ifakkar li m'għandu jkun qatt li din il-Qorti, fil-kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali tagħha, jkollha d-dritt li tistħarreġ il-mertu u l-mod kif xi Qorti oħra għandha tinterpreta jew tapplika l-liġi u dan taħt l-iskuża li b'hekk ikun qiegħed jitħares il-jedd ta' smigħ xieraq kif iridu l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni[21];

Illi, għalhekk, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li hija għandha tagħżel li ma tużax is-setgħat tagħha kostituzzjonali għall-kawża mressqa mir-rikorrenti, u dan għaliex huma għandhom miftuħ għalihom rimedju ordinarju;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-intimat u tinqeda bid-diskrezzjoni mogħtija lilha bl-artikolu 4(2) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan billi hija tal-fehma sħiħa li r-rikorrenti għandhom miftuħ għalihom rimedju ordinarju li għadhom jistgħu jieħdu biex jindirizzaw l-ilment tagħhom; u

**Teħles lill-intimat** milli jibqa' aktar fil-kawża, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

**Moqrija**

---

[21] Kost. **9.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.238** a fol. **262-3**)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------